MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 870/2009

**Fenplay Limited li qabel kien jisimha CBM Bookmaker International Limited**[1]

**Vs**

**Vincent Etienne Vella u Emanuel Vella u Anna Vella li giet imsejha fil-kawza b'digriet tal-21 ta' Jannar 2010.**

[1] Ara digriet tat-2 ta' Ottubru 2012 li bih il-qorti awtorizzat li l-isem CBM Bookmaker International Limited jigi sostitwit bl-isem ta' Fenplay Limited.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-7 ta' Settembru 2009 l-attrici ppremettiet u talbet:

*Illi l-konvenut Vincent Etienne Vella gie mpjegat mas-socjeta' attrici fl-1 ta' Awwissu 2007 Contract of Service hawn anness u market Dok A; - fost ix-xogholijiet li kien jaghmel, kien ihallas kredituri tas-socjeta' attrici, billi permezz ta' internet banking kien jittrasferixxi flus mill-kont taghha, ghal dak tal-klijenti jew kredituri;*

*Illi kif jidher mir-rendikont Dok R u l-bank statements relattivi Dok BS1 sa Dok BS71, il-konvenut Vincent Etienne Vella b'numru konsiderevoli ta' transazzjonijiet bankarji, l-ewwel wahda fl-14 ta' NOvembru, 2007 u l-ahhar wahda fis-7 ta' Awwissu, 2009 appropria ruhu llegalment u abusivament minn flus tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' €345,216.69 (tlett mija u hamsa u erbghin elf, mitejn u sittax-il Ewro u disgha u sittin centezmu);*

*Illi mill-istess rendikont Dok R, jirrizulta li l-konvenut Vincent Etienne Vella ttrasferixxa flus mis-socjeta' attrici fil-kont bankarju ta' missieru, il-konvenut Emanuel Vella f'diversi okkazzjonijiet, li jammontaw ghal € 196,675.15 (mija u sitta u disghin elf sitt mija u hamsa u sebghin Ewro u hmistax-il centezmu) u b'diversi transazzjonijiet bankarji ohra xtara bi flus tas-socjeta' attrici, vetturi, mutur, spare parts ta' vetturi u affarijiet ohra, minghand il-kumpaniji u individwi elenkati fl-ahhar zewg pagni tad-Dok R anness.*

*Illi xi vetturi mixtrija jew registrati f'isem Emanuel Vella.*

*Illi kif konfermat mill-istqarrija Dok S annessa, li l-konvenut Vincent Etienne Vella rrilaxxja lil Pulizija, hu ammetta n-nuqqasijiet tieghu u inter alia ddikjara "Xtrajt diversi vetturi u parts ghall-vetturi u hadt good life".*

*Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara li l-konvenut Vincent Etienne Vella appropria ruhu indebitament u llegalment minn flus tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' €345,216.69 kif*

*konfermat mid-Dok R anness; u tikkundannah jirrifondi lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma;*

*2. U billi ttrasferixxa l-ammont ta' €196,675.15 fil-kont ta' Emanuel Vella; tikkundanna lill-konvenut Emanuel Vella jirrifondi lis-socjeta' attrici l-istess ammont; solidalment mal-konvenut Vincent Etienne Vella.*

Fit-twegiba guramentata l-konvenuti Vincent Etienne Vella u Emanuel Vella qalu (fol. 104):-

1. Mhux minnu li ghandhom jaghtu s-somma pretiza mill-attrici.
2. Il-konvenut Vincent Etienne Vella gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, b'akkuza ta' misaproprijazzjoni.
3. In vista tal-proceduri kriminali filwaqt li jtenni l-kontestazzjoni tieghu ghat-talbiet tal-attrici, jirrizerva li jgieb 'l quddiem il-gustifikazzjoni tieghu wara li jigu konkluzi l-proceduri kriminali.
4. M'hemmx premessa ta' xi agir tal-konvenut Emanuel Vella u ghalhekk m'hemmx rapport guridiku fil-konfront taghha

B'digriet tal-21 ta' Jannar 2010 (fol. 112), issejhet fil-kawza Anna Vella li ghalkemm notifikata ma wegbitx[2].

**Fatti**.

1. Il-kumpannija attrici topera fis-settur tal-*internet gaming*.
2. B'kuntratt ta' impjieg tal-1 ta' Awissu 2007 (fol. 4) il-konvenut Vincent Etienne Vella beda jahdem mal-kumpannija attrici. Dam jahdem maghha sa Awissu 2009 .
3. Is-salarju tal-konvenut kien ta' Lm6,600 fis-sena.
4. Ix-xoghol ta' Vincent Etienne Vella kien jinkludi li mill-fondi tal-kumpannija attrici jhallas lir-rebbieha u suppliers ta' servizzi. Hu kien jopera zewg kontijiet bankarji tal-attrici: a) kont numru 40013830696 – jintuza sabiex isir hlas lir-rebbieha; u b) 40013904409 – jintuza sabiex isir hlas lill-kumpanniji li jaghtu servizz lill-attrici.
5. L-attur gie akkuzat b'misaproprijazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Jidher li sal-lum il-proceduri kriminali ghadhom pendenti.
6. Il-konvenut Emanuel Vella u l-imsejha fil-kawza Anna Vella huma l-genituri tal-konvenut Vincent Etienne Vella.

---
[2] Ara riferta a fol. 113.

**Digrieti tas-16 ta' Dicembru 2011 u tal-10 ta' Jannar 2014**.

1. B'digriet moghti fis-16 ta' Dicembru 2011 (fol. 256) il-qorti hassret digriet tas-7 ta' Ottubru 2011 u ordnat li l-konvenut Vincent E. Vella *"... jekk irid, jixhed wara li fil-kawza kriminali jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni. Fl-istess waqt qeghda tirrizerva li f'dak l-istadju terga' timponi l-mizuri protettivi ntrodotti bid-digriet tas-7 ta' Ottubru 2011"*.
2. Wara li l-attrici tat prova dokumentarja li fil-kawza kriminali l-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi, fl-10 ta' Jannar 2014 il-qorti tat digriet (fol. 278) li bih ordnat li jekk il-konvenut irid jixhed kellu jinstema' fis-seduta ta' wara (17 ta' Marzu 2014). Inoltre ddikjarat bhala nfondata l-oggezzjoni tieghu fir-rigward tat-traskrizzjonijiet ta' xhieda li nstemghu fil-proceduri kriminali.
3. Fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014 il-konvenut Vincent E. Vella iddikjara li ma kienx ser jixhed minhabba li l-proceduri kriminali kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Il-qorti ddikjarat maghluq l-istadju tas-smiegh tal-provi.

**Kwistjoni**.

L-attrici ssostni li fil-perjodu li Vincent Etienne Vella kien impjegat maghha kien beda jittrasferixxi flus mill-kontijiet bankarji ghall-kontijiet tal-genituri tieghu, b'kollox is-somma ta' €196,675.15. Tallega wkoll li kien hemm is-somma ta' €148,541.54 li ntuzaw mill-konvenut sabiex xtara vetturi.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Bhala impjegat tal-kumpannija attrici li kien qieghed jamministra kont bankarju tal-principal, Vincent Etienne Vella kien fiducjarju tal-kumpannija (Artikolu 1124A tal-Kodici Civili). Fil-qadi ta' dmirijietu il-konvenut kien qieghed jamministra gid tal-kumpannija u ghalhekk kellu d-dmir li jhares l-interessi tal-principal tieghu. Fil-kumpannija attrici l-konvenut kien jokkupa posizzjoni ta' fiducja in kwantu kien jaghmel pagamenti mill-kont bankarju taghha. Is-serq tal-flus tal-principal hu ksur tad-dmir fiducjarju.

2. L-attrici ipprezentat rendikont tal-flus li tghid li Vella ha mill-kont bankarju li ghandha mal-Bank of Valletta plc u li kien qieghed jamministra (fol. 14-19). Ipprezentat ukoll kopja ta' statements of account tal-kont numru 40013830696, li hu l-kont minn fejn ittiehdu l-flus li l-attrici qeghda tippretendi li jithallsu lura (fol. 20-90).

3. Jirrizulta li fil-kors tal-investigazzjoni l-pulizija kienu nterrogaw lill-konvenut. L-Ispettur Ivan Cilia, fil-procedri kriminali (19 ta' Awissu 2009) xehed:-

*"Spjegalna wkoll Vincent Vella illi kien ghaddej minn mument hazin, finanzjarju u jahseb illi xi sena ilu ddecieda illi juza xi flus minn tal-kumpannija ghal uzu personali tieghu, minghajr ma nforma lis-superjuri tieghu. Kellu l-intenzjoni illi jrodd lura dawn il-flus mill-ewwel pero' meta ra illi lilu qisu hadd ma kelmu, hadd ma nduna, baqa' jigbed minn dawn il-flejjes. Spjegalna illi ma jafx kemm gibed ghaliex tilef il-kont. Meta ssuggerejtlu illi forsi gibed izjed minn mitt elf Euro (€100,000), fl-istqarrija tieghu qalli li jista' jkun. Ghidtlu jista' jkun mitejn elf (200,000), qalli jista' jkun ukoll"* (fol. 123)[3].

Mid-deposizzjoni tal-Ispettur Cilia jirrizulta li matul l-istess perjodu l-konvenut xtara erba' vetturi u zewg muturi. Wahda minnhom kienet Honda Pas u nxtrat ghall-prezz ta' €45,338[4].

Vincenzo Giuliano xehed kif meta nqala' l-kaz kienet cemplitlu omm il-konvenut Vincent E. Vella u bdiet tibki u talbitu biex jahfer lil binha (fol. 183-184)[5].

F'affidavit Joevin Genovese, direttur tal-kumpannija attrici, xehed kif kien ilu gimgha jircievi emails minghand suppliers tal-kumpannija, jilmentaw li kienu ghadhom ma thallsux. Spjega kif fid-9 ta' Awissu 2009 il-konvenut ma kienx xoghol, u hu dahal fl-internet banking tal-Bank of Valletta u ra li kien sar hlas lil certu Joseph Tabone fl-ammont ta' €5,000; *"Ivverifikajt u skoprejt li mhux supplier taghna; allura bdejt niccekja t-transactions kollha ta' dik il-gimgha u bdejt niskopri transactions li ma kienux awtorizzati, u lil nies li ma kienux kredituri taghna….. Cempilt lill-konvenut, il-vuci tieghu mill-ewwel inbidlet malli semmejtlu transactions – u qalli biex niccekkja mal-Bank – billi qal li sar xi zball"* (fol. 117).

4. Jidher li l-konvenut beda jghix hajja komda, haga li jidher li qabel ma kellux[6]. Fil-fatt l-attrici kellha ssir taf ukoll li l-konvenut kien ghamel posts fuq il-Facebook fejn pogga ritratti ta' vetturi (ara Dok. FB3 u FB5)[7]. Vetturi li huma tal-istess tip bhal dawk li rrefera ghalihom l-Ispettur Cilia. Irrizulta wkoll kif meta nqala' l-kaz, fl-10 ta' Awissu 2009 il-konvenut baghat avviz ta' rizenja mix-xoghol [ara affidavit ta' Jovin Genovese (fol. 116) u Vincenzo Giuliano

---

[3] Dwar xhieda li nstemghu fil-proceduri kriminali l-qorti tirreferi ghad-digriet li nghata fl-10 ta' Jannar 2014 (fol. 278) u f'din is-sentenza m'hemm bzonn li zzid xejn.

[4] Brian Farrugia, rapprezentant tal-Awtorita ta' Trasport, xehed li f'isem Emanuel Vella (ID 49553M), li mill-atti jirrizulta li hu l-konvenut u ghalhekk missier Vincent Etienne Vella, kien hemm registrati f'ismu karrozza Subaru Impresa (ERC 500), mutur Harley Davidson (HOG 008), vettura Honda S2000 binumru RWD 240. Vetturi li kollha gew registrati f'isem Emanuel Vella matul is-sena 2008. Min-naha l-ohra l-konvenut Vincent Etienne Vella ghandu registrati f'ismu Westfield Sports MAD 013 u Piaggio Runner bin-numru EBF 263, li l-istess gew registrati f'ismu matul is-sena 2008. Hemm ukoll vettura Fiat Panda li giet registrata f'isem Vincent Etienne Vella fis-27 ta' Marzu 2009 (fol. 175).

[5] Deposizzjoni fil-kawza kriminali (seduta tat-8 ta' Ottubru 2009).

[6] Ara xhieda ta' Vincenzo Giuliano fil-proceduri kriminali (seduta tat-8 ta' Ottubru 2009) [fol. 181].

[7] F'Dok. FB5 jidhru diversi ritratti tal-vetturi u fuq *"Vince Vella's Photos – My Cars"* b'ritratt tieghu.

(fol. 118)]. L-Ispettur Cilia xehed li fl-avviz ta' rizenja gharraf lill-principal tieghu *"…. li sab xi xoghol l-Ingilterra u kien ha jitlaq minn Malta"*.

Hekk ukoll mir-rendikont bankarju tal-kont 40013830696 jirrizulta per ezempju hlasijiet li saru:-

- lill-kont ta' E. Vella f'kont 75038430050. Kont li Catherine Fenech, ufficjal tal-HSBC Bank Malta plc xehedet li hu registrat f'isem Emanuel Vella[8].
- lill-kont ta' Daniel J. Vella fis-somma ta' €700. Hlas li sar fid-19 ta' Jannar 2009 permezz ta' transfer mill-kont tal-attrici ghall-kont numru 011066750050 f'isem Daniel J. Vella (fol. 61). Fil-proceduri kriminali Daniel Vella xehed u kkonferma li l-imsemmi kont hu tieghu u li minghandu Vincent E. Vella xtara accessorji tal-karozzi (fol. 162-163).
- lil Christian Ellul fis-somma ta' €19,800 (ara cekk a fol. 54). Mir-rendikont tal-bank jirrizulta li c-cekk gie msarraf fis-26 ta' Novembru 2008 (fol. 55). Hlas li skond Joevin Genovese kien relatat ma' xiri ta' vettura[9].
- lil Mira Holdings Ltd ta' €5,000 (fol. 84). Fil-kawza kriminali Nicholas Borg ikkonferma li dak il-hlas sar u li kienu rcevewh minghand il-kumpannija attrici (fol. 147);
- lil CS Motorsports Ltd ta' €6,000 (fol. 86);
- lil Eric Caruana li xehed fil-proceduri kriminali u kkonferma li fi Frar 2009 kien biegh karrozza Subaru lil Vincent Etienne Vella. Spjega li l-hlas sar permezz ta' bank transfer ghal gewwa l-kont tieghu. Mir-rendikont tal-bank jirrizulta li fil-11 ta' Frar 2009 sar transfer ta' €6,000 mill-kont tal-kumpannija attrici ghall-kont ta' E. Caruana bin-numru 13124318050 (fol. 65). Imbaghad fis-17 ta' Frar 2009 sar transfer iehor ta' €19,500 ghall-isttess kont ta' Caruana. Ix-xhud ikkonferma li l-kont tieghu fejn ircieva l-flus ghandu n-numru 13124318050 (fol. 150).

5. Il-provi kollha jindikaw li l-attur kien qieghed ibattal il-kont bankarju tal-attrici ghall-beneficcju tieghu, u dan meta suppost bhala fiducjarju kellu l-obbligu li jhares l-interessi tal-principal tieghu u jagixxi b'mod onest u bhala *bonus paterfamilias*.

6. F'dan ix-xenarju Vincent Etienne Vella kellu l-oneru li jgieb provi li jikkonvincu lill-qorti li l-hlasijiet li l-kumpannija attrici ssostni li ttiehdu llegalment mill-kont taghha (skond Dok. R) saru ghal finijiet tan-negozju tal-kumpannija attrici. Il-fiducjarju ghandu l-obbligu *"…. Li jaghti kont dwar il-proprjeta' soggetta ghal dawk l-obbligazzjonijiet fiducjarji"* (Artikolu 1124A(4) tal-Kodici Civili). Mela l-oneru tal-prova kien fuq il-konvenut Vincent Etienne Vella. Prova li baqa' m'ghamilx. Fl-istadju tal-provi tieghu ghazel biss li jixhed (seduta 24 ta' Novembru 2011):-

---

[8] Seduta tad-9 ta' Dicembru 2009 fil-kawza kriminali il-Pulizija vs Vincent Etienne Vella.
[9] Spjega li kien ikkomunika ma' Christian Ellul u nfurmah li Vincent Vella kien xtara vettura minghand (fol. 137).

*"Minkejja d-digriet li nghata mill-qorti fis-7 ta' Ottubru 2011, peress li sal-gurnata tal-lum, ghadhom ghaddejjin proceduri kriminali kontra tieghi, jien naghzel li ma nwegibx ghal ebda domanda, peress li hu dritt tieghi li ma nwegiebx ghal domandi li jistghu jwassluni biex ninkrimina ruhi"* (fol. 253).

Hekk ukoll il-konvenut l-iehor Emanuel Vella ma xehedx u lanqas ressaq provi biex jispjega kif fil-kont bankarju li ghandu mal-HSBC Bank Malta plc ircieva s-somma ta' **€196,675.15 minghand il-kumpannija attrici**. Fit-twegiba guramentata qal:

*"Illi ma hemm l-ebda premessa ta' xi agir tal-intimat Emanuel Vella fil-konfront tas-socjeta rikorrenti u ma jezisti ghalhekk l-ebda rapport guridiku fil-konfront tieghu mas-socjeta rikorrenti li jista' isejjes it-talbiet rikorrenti fil-konfront tieghu"* (fol. 104).

Fir-rikors guramentat l-attrici ppremettiet li s-somma ta' €196,675.15 gew trasferiti fil-kont ta' Emanuel Vella u li vetturi nxtraw f'ismu wkoll. Hu evidenti li t-tezi tal-attrici hi li l-missier hu komplici fl-atti illegali li wettaq ibnu Vincent. Salv prova kuntrarja m'hemmx dubju li dan il-konvenut irid jirrispondi solidalment ma' ibnu ghas-somma li giet depozitata fil-kont bankarju tieghu. Dan il-konvenut ghandu dmir, daqs ibnu, li jirrifondi lura l-flus li spiccaw fil-kont bankarju tieghu. L-oneru tal-prova kien fuq il-konvenut jekk ried juri li dak li ghamel ibnu sar bil-mohbi tieghu jew li hu ma hax beneficcju minn tali depozitu, tezi li f'kull kaz ma pproponiex fit-twegiba guramentata.

7. Fir-rigward tal-imsejha fil-kawza Anna Vella, fid-digriet tal-21 ta' Jannar 2010 il-qorti laqghet it-talba wara li osservat li: *"…. x'aktarx hija wkoll beneficcjarju tal-kont bankarju li fih allegatament dahlu flus li l-attrici tghid li huma taghha….".* Madankollu prova ta' dan baqghet ma saritx. Mar-rikors li bih intalab li Anna Vella tissejjah fil-kawza (fol. 102) giet mehmuz ittra tal-HSBC Bank Malta plc datata 4 ta' Settembru 2009 (fol. 103) fejn saret riferenza ghall-mandat ta' sekwestru 1442/09 tas-27 ta' Awissu 2009 u nghad li l-kont 075-047043-050 hu f'isem Emanuel Vella u terza persuna. Mill-provi li ressqet l-attrici stess irrizulta li t-transfers li ghamel Vincent E. Vella mill-kont bankarju tal-kumpannija attrici, ma sarux f'dan il-kont izda fil-kont 075038430050 f'isem Emanuel Vella. Lanqas m'hemm prova li Anna Vella b'xi mod kienet komplici ma' binha f'dak li ghamel. Ghalhekk ma kellhiex tigi mharrka u l-qorti ser tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuti u:**

1. **Tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-imsejha fil-kawza Anna Vella.**

2. **Tiddikjara li l-konvenut Vincent Etienne Vella approprija ruhu indebitament u llegalment mis-somma ta' tlett mija u hamsa u erbghin elf mitejn u sittax-il ewro u disgha u sittin centezmu (€345,216.69), u tikkundannah ihallas l-istess ammont lill-attrici.**
3. **Tikkundanna lill-konvenut Emanuel Vella sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u sitta u disghajn elf sitt mija u hamsa u sebghin ewro u hmistax-il centezmu (€196,675.15) rifuzjoni ta' flus li mill-kont tal-kumpannija attrici gew trasferiti b'mod illecitu fil-kont bankarju tieghu.**

**Ovvjament il-hlas ta' €196,675.15 isir ghal darba wahda biss, irrispettivament jekk isirx minn Vincent Etienne Vella jew Emanuel Vella.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti, bl-imghax bankarju jiddekorri mid-data ta' meta sar il-hrug tal-flus mill-kont bankarju tal-attrici bin-numru 40013830696 mal-Bank of Valletta plc, u liema hlasijiet saru fid-dati dikjarati fid-dokument R (fol. 14-19) mehmuz mar-rikors guramentat.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------